MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Appell Kriminali Numru. 141/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Buttigieg**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-15 ta' Marzu 2010 fil-konfront ta' Silvio Buttigieg, illum appellant. L-imsemmi Silvio Buttigieg (bin John u Lourdes nee Calleja, imwieled fis-16 ta' April 1973 u detentur tal-karta tal-identita` nru 244573M) tressaq akkuzat fl-4 ta' Dicembru 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli gewwa l-Belt Valletta, u gewwa l-konfini tal-bini tal-Qorti, f'dik il-gurnata stess – cioe` 4 ta' Dicembru 2009 – (**i**) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Ispettur Jesmond Borg, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (**ii**) ikkaguna lill-Ispettur

Jesmond Borg jibza' li ser tintuza xi vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu; (**iii**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, wegga' bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor lill-istess Spettur Borg; u (**iv**) huwa kien akkuzat ukoll li sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**2.** Bis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, l-imsemmi Silvio Buttigieg instab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u gie kkundannat seba' (7) xhur prigunerija. Silvio Buttigieg appella permezz ta' rikors ipprezentat fis-26 ta' Marzu 2010. Huwa ressaq tliet aggravji. L-ewwel wiehed huwa li hu ma seta' qatt jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali – li huwa r-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni. It-tieni aggravju hu li f'dan il-kaz l-ingurja kienet tinkwadra ruhha f'dak li jipprovdi l-Artikolu 252(2) tal-Kap. 9, u mhux l-ingurja gravi kontemplata fl-Artikolu 252(1). Finalment – u dan hu t-tielet aggravju – l-appellant jilmenta dwar il-piena.

**3.** Il-fatti tal-kaz, kif jemergu mill-provi, huma s-segwenti: fl-4 ta' Dicembru 2009 l-appellant Silvio Buttigieg tressaq quddiem il-Qorti Kriminali fuq talba tal-Avukat Generali sabiex titnehhielu l-liberta` provvizorja fil-proceduri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Silvio Buttigieg**, u dan billi, skond ma kien qed jigi allegat, l-imsemmi Buttigieg kien kiser xi kundizzjoni tal-helsien mill-arrest. Wiehed mix-xhieda f'dawn il-proceduri kien l-Ispettur Jesmond Borg. Kif appena dana l-Ispettur iddepona quddiem il-Qorti Kriminali u hareg barra mill-awla, Silvio Buttigieg l-ewwel ghajjru "pufta" u immedjatament wara beda jheddu li "jsibu" u li kien ser "jifqaghlu c-cwievet go ghajnejh" – dan kollu quddiem diversi membri ohra tal-Korp tal-Pulizija u tal-Forzi Armati ta' Malta, kif ukoll quddiem membri tal-familja tieghu stess (cioe` membri tal-familja ta' l-istess Buttigieg). Buttigieg gie minnufih arrestat mis-Supretendent Norbert Ciappara u ttiehed fic-celel li hemm fis-sulari t'isfel tal-edifizzju tal-Qorti. Fil-kors ta' dawn il-proceduri – cioe` l-proceduri inizzjati fl-4 ta' Dicembru 2009 stess, u li waslu ghas-sentenza appellata – Buttigieg talab skuza ghall-imgieba tieghu.

**4.** Issa, ma hemmx dubbju li dak li ghamel l-appellant jammonta ghal oltragg lil ufficjal pubbliku fit-termini tal-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti, pero`, taqbel ma' l-appellant li l-ingurja f'dan il-kaz kienet tinkwadra fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 252 tal-Kap. 9, cioe` ingurja bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-16 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Josienne Bonello**), b'mod ghalhekk li l-piena hija dik stabbilita ghall-kontravvenzjonijiet u li allura, b'applikazzjoni tal-Artikolu 95(2), ma tizdiedx bi grad kif indikat fis-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 95. L-istess jinghad ghat-theddida – din tinkwadra f'dak li jipprovdi l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni – li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B – din ukoll, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel qorti, ma tirrizultax. A skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' April 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis**, kif ukoll ghas-sentenza, dejjem ta' din il-Qorti, tal-4 ta' Gunju 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Youssef Mbarrek**. L-appellant, ghalhekk, ser jigi liberat mit-tieni imputazzjoni.

**5.** Ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni – li fih hemm assorbit ir-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni – il-piena massima hija dik applikabbli ghall-kontravvenzjonijiet, cioe` xahrejn detenzjoni (Art. 12(2), Kap. 9). Pero`, kif jattestaw id-diversi kopji ta' sentenzi ezibiti, kif ukoll il-fedina penali aggornata ezibita quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2010, l-appellant huwa recidiv plurimu. Japplika f'dan il-kaz l-Artikolu 50 tal-Kap. 9. Fil-kaz in dizamina, tenut kont tal-antecedenti penali tal-appellant, kif ukoll tal-fatt li r-reat sar fl-edifizzju tal-Qorti, din il-Qorti hi tal-fehma li, minkejja l-iskuza maghmula mill-hati quddiem l-ewwel qorti, ghandha tapplika l-piena fil-massimu taghha; din, b'applikazzjoni tal-Artikolu 31(1)(g) tal-Kap. 9, hija ta' tliet xhur prigunerija.

**6.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant

Silvio Buttigieg hati skond it-tieni imputazzjoni, u tilliberah minn din l-imputazzjoni; (**b**) thassarha u tirrevokaha wkoll in kwantu sabet li l-ingurja kienet tinkwarda fl-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9, u minflok tiddikjara li din l-ingurja kienet dik ravvizata fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 252; (**c**) thassarha u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ seba’ xhur prigunerija, **u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ tliet (3) xhur prigunerija**; u (**d**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------